**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 30 ta' Marzu 2001.**

**Avviz Nru: 935/00**

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Noella Camilleri**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u tnejn u tletin liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmi (Lm432.28) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u `airtime' ghall-istess uzu, moghti lilha mis-socjeta' attrici ghall-perjodu mil-1 ta' Settembru 1998 sas-27 ta' Ottubru 1999.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali.

Il-konvenuta ngunta minn issa in subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta debitament notifikata dehret fis-seduta tal-lum u ammettiet it-talbet attrici izda talbet beneficcju ta' terminu ghall-hlas. Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma mitluba ta' erba' mija tnejn u tletin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmi (Lm432.28) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mill-21 ta' Lulju 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg

**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 30 ta' Marzu 2001.**

**Avviz Nru: 1671/00**

**John Ripard & Son Ltd**

**Vs**

**CTB Ltd**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' hames mija erba' u erbghin liri Maltin u sitt centezmi (Lm544.06) dovut kif ikkonfermat minn cheque mahrug mis-societa' konvenuta liema cheque gie mwaqqaf mis-societa' konvenuta permezz ta' `stop payment'. Dan l-ammont hu dovut in konnessjoni ma servizzi rezi mis-societa' attrici.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra datata 17 ta' Lulju 2000 kontra taghhom u bl-imghax legali.

Bil-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici. Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet bil-gurament lil Gerald Vella u rat id-dokumenti esebiti, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma. U l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' hames mija

erbgha u erbghin lira Maltin u sitt centezmi (Lm544.06c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mit-30 ta' Mejju 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg

**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 30 ta' Marzu 2001.**

**Avviz Nru: 915/00**

**Ignazio Anastasi Limited**

**Vs**

**Fama Distributors Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' seba' mija u wiehed u ghoxrin Liri Maltin, wiehed u disghin centezmu (Lm721.91), rappresentanti l-prezz ta' merkanzija lilhom mibjugha u kkonsenjata fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju taghhom.

Bl-ispejjez, inkluz dik tal-Mandat ta' Qbid Nru 1997/00 u bl-imghaxijiet kummercjali dekorribbli b'effett mid-data illi fiha saret il-konsenja tal-merkanzija sad-data tal-pagament effettiv.

Bil-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti fis-seduta tal-lum ipprezentaw nota ta' ammissjoni wara li taw ruhhom notifikati bl-avviz, ghaldaqstant fuq ammissjoni t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma. U l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' sebgha mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u wiehed u disghin centezmi (Lm721.91) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mid-19 ta' Lulju 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg

**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 30 ta' Marzu 2001.**

**Avviz Nru: 471/00**

**Simonds Farsons Cisk p.l.c.**

**Vs**

**Joe Brown**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' seba' mija u tnejn u erbghin liri Maltin u seba' u disghin centezmu (Lm742.97) rappresentanti l-bilanc fuq bejgh lilu ta' minerali u prodotti ohra tad-ditta attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra Ufficcjali tas-6 ta' Marzu, 2000, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-istess Ittra Ufficcjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat la deher biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi is-somma mitluba ta' seba' mija u tnejn u erbghin liri Maltin u sebgha u disghin centezmi (Lm742.97) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mis-6 ta' Marzu 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg

**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 30 ta' Marzu 2001.**

**Avviz Nru: 335/99**

**Hugh P. Zammit ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpanija Galdes & Mamo Limited u din in rappresentanza tal-kumpanija assikuratrici estera Royal International Insurance Holdings Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Vincent Tanti sija bil-polza u sija bil-ligi u b'nota tat-12 ta' Novembru 1999 l-atti gew assunti minn Gasan Mamo Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance p.l.c. li assumiet id-drittijiet u l-obbligu tas-socjeta' estera Royal International Insurance Holdings Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Vincent Tanti minflok Hugh P. Zammit nomine.**

**Vs**

**Alan Farrugia**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' disa' mija u ghoxrin lira Maltin u seba' u disghin

centezmu (Lm920.97) li jinkludu hamsa u ghoxrin liri Maltin (Lm25) `Excess' imhallas mill-assikurat Vincent Tanti rappresentanti danni kkagunati minnu f'incident awtomobilistiku tal-lejl bejn l-14 u l-15 ta' Ottubru 1998, f'Ta' Giorni Road, San Giljan bejn il-vettura numru HAO 186 misjuqa minnu u l-vettura numru DAT-285 liema vettura kienet ipparkjata u liema vettura hija propjeta' tal-attur Vincent Tanti, liema incident gara unikament tort tieghu, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tat-18 ta' Jannar 1999, u dawk tal-ittra ufficcjali prezentata kontra l-assikurazzjoni tieghu kontestwalment ma' dan l-Avviz u bl-imgahx mid-data tal-ewwel ittra ufficjali kontra tieghu li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici in kwantu ghall-ammont huwa ferm u ferm eccessiv stante li d-danni kkagunati fl-imsemmi incident ma kienux tal-entita deskritta.

2. Illi effettivament kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-hsarat sofferti mill-attur gew emendati madwar xahar wara l-imsemmi incident u l-hsarat hemm elenkati ma jirrispekjawx affattu l-hsarat kkawzati fl-imsemmi incident.

3. Illi ghaldaqstant l-eccipjenti mhuwiex responsabbli ghall-imsemmija sussegwentement ikkagunati u ghaldaqstant jirrisserva li jikkuntesta d-danni minnu verament ikkagunati.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi fis-seduta tal-lum il-konvenutipprezenta nota ta' ammissjoni ghaldaqstant fuq ammissjoni l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u qieghda tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas is-somma mitluba ta' disa' mija u ghoxrin lira Maltin u sebgha u disghin centezmi (Lm920.97c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mit-18 ta' Jannar 1999.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat

Dep/Reg